



Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2016/XXXX(INI)

17.10.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar Ninvestu f'impjiegi u tkabbir - nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tas-CPR
(2016/XXXX(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Georgi Pirinski(*) (*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinsab sorpriż u mħasseb li, minflok ir-rapport meħtieġ skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR), il-Kummissjoni ppreżentat biss komunikazzjoni dwar in-negożjati tal-Ftehimiet ta' Sħubija (PAs) u tal-programmi operattivi (Ops), li ma għandha l-ebda effett sostanzjali, hija nieqsa minn analiżi u ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16(3);
2. Hu tal-fehma li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għandhom jintużaw biex joħlqu u jkattu l-impjiegi ta' kwalità, jipromwovu l-kwalità tat-tagħlim tul il-ħajja u sistemi ta' taħriġ vokazzjonali (mill-ġdid) li jippermettu lill-ħaddiema biex jadattaw skont kondizzjonijiet tajbin għar-realtajiet tad-dinja tax-xogħol li qed jinbidlu, biex jistimulaw it- tkabbir sostenibbli, il-kompetittività u l-iżvilupp u l-prosperità komuni immirati lejn Ewropa soċjalment ġusta, sostenibbli u inklużiva, filwaqt li jiffokaw fuq iż-żoni li huma l-anqas żviluppati u setturi bi problemi strutturali u jappoġġjaw l-aktar gruppi soċjali vulnerabbli u esposti fis-soċjetà, partikolarment iż-żgħażaġh u dawk bl-inqas kwalifiki, kif ukoll jipromwovu aktar impjiegi permezz tal-ekonomija ċirkolari u l-enerġiji rinnovabbli; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Fond Soċjali Ewropew mhuwiex kompletament għodda ta' investiment, iżda pjuttost strument li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-politiki ta' interess pubbliku, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati u amministrazzjoni pubblika effiċjenti;
3. Jieħu nota tar-riżultati mistennija fi ftehimiet ta' sħubija u fi programmi operattivi, iżda jiddispijaċih li fil-Komunikazzjoni COM(2015)0639, il-Kummissjoni mhux dejjem ippreżentat data affidabbli dwar ir-riżultati mistennija tal-FSE u l-programmi YEI, u lanqas data dettaljata dwar l-issodisfar tar-rekwiżit kemm għas-sehem minimu tal-FSE (l-Artikolu 92(4), CPR) kif ukoll dwar l-allokazzjoni minima għall-inklużjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jieħdu t-triq it-tajba fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-investiment u l-għażla ta' proġetti bbażati biss fuq prijoritajiet ċari stabbiliti għall-Fondi SIE u biex jużaw proċessi ta' implimentazzjoni armonizzati u effiċjenti bil-ħsieb li jiksbu objettivi tal-politika ta' koeżjoni minħabba li r-riżultati spiss ma laħqux l-aspettattivi; ifakkar li approċċ minn isfel għal fuq jista' jikkontribwixxi għal dan l-objettiv; ifakkar mill-ġdid li huma meħtieġa politiki aktar effettivi u effiċjenti, sabiex jiġi evitat it-trikkib, is-sensji, il-piż amministrattiv distruttiv u l-inkoerenza;
4. Jinsab serjament imħasseb u diżappuntat dwar l-adozzjoni tardiva tal-programmi operattivi tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u jħeġġeġ kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi; hu tal-opinjoni li t-tiġdid konsiderevoli introdott għall-perjodu 2014–2020 wassal għal diffikultajiet amministrattivi minkejja l-isforzi ta' simplifikazzjoni; jistenna li l-Kummissjoni tkun tgħallmet minn dan bil-ħsieb li jiġi evitat dewmien simili fil-futur kif ukoll li jissaħħa il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Fondi SIE sabiex jiġu żgurati l-effikaċja u t-trasparenza tagħhom;

5. Jissottolinja n-natura prijoritarja tal-isfidi li l-FSE hu mitlub li jindirizza, u dan huwa rifless fl-ammont ta' EUR 86.4 biljun iddedikat għal miżuri tal-FSE taħt l-oġġettivi tematiċi rilevanti f'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020;
6. Jinnota li l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI) ġiet integrata f'34 programm tal-FSE f'20 Stat Membru eliġibbli b'hekk se tippermetti liż-żgħażaġh qiegħda jibbenefikaw mill-YEI bil-ħsieb li jsibu impjieġi jew itejbu l-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom; jinsab imħasseb, madankollu, dwar il-fatt li l-implimentazzjoni effettiva tal-YEI damet biex bdiet u dwar il-mod li bih il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ qiegħda tiġi implimentata f'ċerti reġjuni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jinkisbu effetti sostanzjali u tanġibbli malajr u sodisfaċenti mill-fondi investiti b'mod partikolari rigward il-fondi li jkunu disponibbli fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem u sabiex il-YEI tkun implimentata b'mod korrett kif ukoll biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema żgħażaġh; jitlob, b'mod partikolari, sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet reali tal-komunità tan-negozju fl-użu tal-Fondi SIE biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-taħriġ, bil-għan li jinħolqu opportunitajiet reali ta' impjieġ u jinkiseb impjieġ fit-tul;
7. Jesprimi tħassib serju li fil-każ tal-Iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li fl-2014-2020 se tirċievi total ta' EUR 12.7 biljun mill-Fond Soċjali Ewropew u mill-Inizjattiva speċjali favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, u li, fuq il-bażi ta' dan il-finanzjament, diġà qed titqies bħala l-fattur ewlieni wara sforzi li saru biex tingħata spinta lill-impjieġi fost iż-żgħażaġh, minħabba li l-Kummissjoni ma wettqitx analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, li hija proċedura standard għall-inizjattivi ewlenin kollha tal-Kummissjoni; għaldaqstant, hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar l-ispiża potenzjali globali tal-implimentazzjoni tal-garanzija fl-UE kollha u, kif sostniet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, hemm riskju li l-ammont totali tal-fond jista' ma jkunx biżżejjed;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-proċeduri għall-użu tal-fondi tal-impjieġ taż-żgħażaġh, b'mod li jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' strutturi ġodda u b'hekk ikunu ta' benefiċċju għall-akbar għadd ta' nies possibbli;
9. Jenfasizza l-importanza tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-komunikazzjoni diġitali, li permezz tagħha l-informazzjoni dwar l-assistenza disponibbli għat-taħriġ, it-traineeship jew xogħol kofinanzjati permezz tal-fondi tal-UE tista' tilħaq l-ikbar numru ta' żgħażaġh; jitlob aktar komunikazzjoni sabiex jiġu promossi l-portals bħal DROP'PIN u EURES u sabiex jiżiedu l-opportunitajiet għall-mobilità fis-suq intern għaż-żgħażaġh, li huwa meqjus bħala l-potenzjal l-anqas sfruttat fil-ġlieda kontra l-qgħad fl-UE;
10. Jitlob li l-YEI titkompla lil hinn mill-2016 sabiex jiġu sostnuti l-isforzi favur il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, abbażi ta' analiżi operattiva bir-reqqa mfassla bil-għan li jintlaħqu l-korrezzjonijiet meħtieġa sabiex issir aktar effettiva;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jinkisbu bis-sħiħ l-oġġettivi speċifiċi tal-programmi tal-FSE marbuta mal-miri ewlenin ta' Ewropa 2020 u mal-baġit allokat ta' 20 % tal-FSE għall-infiq fuq l-inklużjoni soċjali, permezz ta' monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni korretta tal-azzjonijiet ipprogrammati;
12. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni ikbar lill-kwistjonijiet marbuta mal-impjieġi, il-qasam soċjali u l-amministrazzjoni pubblika fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffukaw aktar l-FSE u investimenti FSIE oħrajn

meta jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet;

13. Jiddispijaċih li l-progress lejn l-għanijiet tal-impjiegi u dawk kontra l-faqar tal-Ewropa 2020 ma ġewx issodisfati; jesprimi tħassib partikolari li l-aġħar riżultati qegħdin jinkisbu mir-regġuni l-inqas żviluppatti jew ir-regġuni fi tranżizzjoni;
14. Jenfasizza li l-fondi tal-UE ma għandhomx jintużaw biss biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ewropa 2020 iżda wkoll għal titjib u investimenti aktar strutturali fl-ekonomija reali; jenfasizza li għandha tiġi implimentata evalwazzjoni kwantitattiva tal-effettività u l-effiċjenza tal-fondi diġà investiti, speċjalment fil-valutazzjoni tal-effetti fuq il-ħolqien tal-impjiegi;
15. Jinsisti li l-Fondi SIE joffru opportunità kbira għall-UE biex tiffinanzja aktar proġetti ta' R&Ż, qasam li ninsabu lura fih u li jkollu impatt fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u impjiegi sostenibbli; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja r-rwol tal-Fondi SIE fil-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;
16. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni timpenja ruħha b'mod attiv permezz tal-Fondi SIE biex jinħolqu impjiegi f'ambjent ekonomiku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bit-naqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu;
17. Jitlob investiment kontinwu mill-fond strutturali għal regġuni fi tranżizzjoni sabiex ma jinżammx dak li nkiseb mir-riżorsi u l-isforzi li diġà saru;
18. Jenfasizza li l-ilħuq b'suċċess tal-oġġettivi tal-PA u tal-OP ikun ferm iffaċilitat bl-involviment attiv tas-sħab soċjali u ta' atturi tas-soċjetà ċivili rilevanti oħra kemm fil-proċess ta' żvilupp kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-proġetti li jridu jitwettqu; jitlob li s-sħab soċjali jiġu involuti aktar fil-grupp ta' esperti indipendenti ta' livell għoli li għandhom struzzjonijiet biex jimmonitorjaw is-simplifikazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-benefiċjarji tagħhom;
19. Jinsab sodisfatt li l-PAs jiddeskrivu l-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn l-FSE u fondi oħra tas-SIE, programmi oħra tal-UE (EaSI, FEAD, FEG, Erasmus+, Life+ u Orizzont 2020) u strumenti nazzjonali; jinnota li l-FSE waħedhom ma jistgħux isolvu l-problemi kumplessi li jaffettwaw is-suq tax-xoġhol, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali u jenfasizza li minkejja l-istennija ta' tkabbir ekonomiku, il-livell tal-impjiegi fl-Ewropa huwa mistenni li jibdedw iktar baxx minn dak tal-2008; jinsisti, għalhekk, li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni olistika u kumplimentarjetà bejn l-istrumenti differenti sabiex jiġi evitat it-trikkib u biex jinkisbu investimenti effiċjenti u effikaċi u riżultati aħjar;
20. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tfittex li tarmonizza d-definizzjonijiet u r-regoli sabiex tikseb koerenza ikbar bejn id-diversi fondi u strumenti.
21. Jinnota li huwa biss rari li miżuri appoġġjati mill-FSE jiġġeneraw dħul dirett, u li l-għotjiet huma għalhekk l-għodda xierqa għall-implimentazzjoni tagħhom, filwaqt li ċerti strumenti finanzjarji, bħal self u garanziji, jistgħu jkunu għodda komplementari utli għal ċerti interventi tal-FSE b'effett ta' lieva possibbli;
22. Jenfasizza l-importanza li l-investimenti FSE jsiru aktar attraenti għall-benefiċjarji bl-użu ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati (SCOs), u jilqa' ż-żieda fl-ammonti koperti mill-SCO

previsti għall-perjodu 2014-2020, minn 7 % għal 35 %; jistieden lill-Kummissjoni tkompli dawn l-isforzi biex tagħmel użu akbar minn għażliet simplifikati; jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-ostakli burokratiċi sabiex tinkiseb implimentazzjoni aktar effettiva tal-FSE;

23. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji, u għal orjentament aktar preċiż sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħhom filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-partikolaritajiet speċifiċi tal-Istati Membri; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jagħmlu sforz f'dan il-qasam;
24. Jenfasizza l-bżonn li tiġi żgurata kapaċità amministrattiva suffiċjenti qabel ma jsiru l-investimenti, filwaqt li jitqies li żieda fil-fondi tal-UE mhux neċessarjament tfisser żieda fit-tkabbir; jindika li jista' jintlaħaq punt fejn ir-ritorni jibdew jonqsu u l-fondi addizzjonali ma jwasslux għal aktar tkabbir;
25. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżviluppa u tistabilixxi portal faċli li jintuża mill-utent li jipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tal-għażliet ta' finanzjament kollha fil-livell tal-UE u links għall-paġna web ta' kull programm individwali;
26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li r-riżorsi ddedikati għal assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jkunu ffukati esklussivament fuq appoġġ biex jingħelbu l-ostakli differenti li jfixklu l-implimentazzjoni tal-FSE/YEI u jżidu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-użu tal-investimenti tal-FSIE, inkluż permezz tat-titjib ta' rati ta' assorbiment akbar kif ukoll dwar it-twettiq b'suċċess ex ante tal-kundizzjonalitajiet li jifdal; jenfasizza l-importanza li tiġi indirizzata l-ħela fl-użu tal-fondi tal-UE u jistenna bil-ħerqa r-riżultati tar-riforma tal-Fondi Strutturali u tal-Investment, b'mod partikolari ta' kundizzjonalità ex ante;
27. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza bir-reqqa l-impatt reali tal-investimenti tal-fondi tal-UE matul il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u tiġbed il-konklużjonijiet fir-rigward tar-riżultati pożittivi u negattivi tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi operattivi; l-istess jenħtieġ li jsir għal perjodu ta' programmazzjoni futur; huwa meħtieġ portal li jiġbor fil-qosor l-istatistika dwar proġetti li diġà ġew approvati biex tiġi evitata informazzjoni frammentata.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	12.10.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 43 -: 2 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Agea, Guillaume Balas, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Czesław Hoc, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Morten Løkkegaard, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, João Pimenta Lopes, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Deirdre Clune, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, Neoklis Sylikiotis, Flavio Zanonato
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Raymond Finch

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

43	+
ALDE	Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Marian Harkin, Morten Løkkegaard, Yana Toom, Renate Weber
EFDD	Laura Agea
GUE/NGL	Tania González Peñas, Rina Ronja Kari, João Pimenta Lopes, Neoklis Sylikiotis
Green/EFA	Jean Lambert, Terry Reintke, Tatjana Zdanoka
PPE	David Casa, Deirdre Clune, Danuta Jazłowiecka, Dieter-Lebrecht Koch, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Ádám Kósa, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Anne Sander, Sven Schulze, Romana Tomc
S&D	Guillaume Balas, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Ole Christensen, Elena Gentile, Agnes Jongerius, Jan Keller, Javi López, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Marita Ulvskog, Flavio Zanonato

2	-
EFDD	Raymond Finch
NI	Lampros Fountoulis

7	0
ECR	Arne Gericke, Czesław Hoc, Anthea McIntyre, Ulrike Trebesius, Jana Žitňanská, Mara Bizzotto
ENF	Dominique Martin

It-tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni